MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2009

Appell Kriminali Numru. 307/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Calleja**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-20 ta' Ottubru 2008. L-appell sar mill-Avukat Generali u jirrigwarda l-piena.

**2.** Paul Calleja (bin Anthony u Mary nee Zammit, imwieled fis-6 ta' Dicembru 1953, u detentur tal-karta ta' l-identita` nru 2654(m)) gie mharrek b'att ta' citazzjoni (li ggib id-data 19 ta' Frar 2003) akkuzat talli fis-26 ta' Dicembru 2002 ghall-habta tal-5.00 pm, mill-Gzira kkommetta serq ta' kompressur ta' l-arja li jiswa aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1,000 a dannu ta' Joseph Walker u/jew terzi persuni, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur; l-

istess Calleja kien ukoll akkuzat li huwa recidiv b'diversi sentenzi li kienu saru definittivi.

**3.** Ghalkemm, kif inghad, ic-citazzjoni ggib id-data 19 ta' Frar 2003, ghal aktar minn sena ma seta jsir xejn peress illi l-imputat ma setax jigi notifikat – il-verbali jindikaw li huwa kien ikun barra minn Malta, u xi riferta ssemmi wkoll il-Libja bhala l-post fejn kien jinsab l-imputat. Kien biss fis-16 ta' Novembru 2004 li l-imputat gie, fl-ahhar, notifikat biex jidher il-qorti fit-22 ta' dak ix-xahar (ara r-riferta a fol. 40). Minkejja dan, fl-udjenza tat-22 ta' Novembru 2004, l-imputat baqa' ma deherx u l-Qorti Inferjuri ordnat li huwa jingab b'mandat ta' arrest (ara l-verbal ta' dik l-udjenza a fol. 39). Xorta wahda l-imputat jidher li baqa' ma jistax jinstab, ghax kien biss fl-udjenza tal-20 ta' Ottubru 2008 li l-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Carmelo Magri, ressaq lill-imsemmi Calleja (presumibbilment issa taht arrest) quddiem il-Qorti Inferjuri (ara verbal tal-udjenza a fol. 46). F'din l-udjenza saru l-proceduri tal-prezentata, u l-imsemmi ufficjal prosekutur ezibixxa wkoll il-fedina penali tal-imputat, kopja tal-istqarrija li huwa kien irrilaxxja (fis-27 ta' Dicembru 2002), kif ukoll kopji ta' tliet sentenzi moghtija fil-konfront tal-istess Calleja[1]. F'din l-udjenza, l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u d-difensur tieghu, Dott. Veronique Dalli, irregistrat ukoll li "id-difiza...kienet qed tezenta lill-prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq xhieda in konnessjoni mas-sentenzi ezibiti stante li taqbel li dawn inghataw fil-konfront tal-imputat odjern u li l-istess imputat huwa recidiv". Min-naha taghha l-prosekuzzjoni ddikjarat li "l-imputat kkopera bis-shih maghha tul l-investigazzjoni u r-*res furtiva* (kompressur) gie moghti lilha".

[1] Dok. CSH4 – sentenza moghtija fid-29 ta' Frar 2000, li permezz taghha, wara ammissjoni, kien gie dikjarat hati ta' ingurji jew theddid u li naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-awtorita`, hu gie marbut b'garanzija skond l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghal zmien sena; Dok. CSH4 – sentenza tal-25 ta' Lulju 2002, li permezz taghha l-istess Paul Calleja instab hati ta' oltragg lil ufficjal pubbliku, li kiser il-bon-ordni u l-kwiet tal-pubbliku, qal kliem oxxen, li m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita`, u li kien sar recidiv, u gie kkundannat multa ta' Lm50; u d-Dok. CSH6 – sentenza tat-3 ta' Novembru 2000, li permezz taghha Paul Calleja, wara li nstab hati ta' hsara volontarja, ksur tal-bon-ordni u l-kwiet tal-pubbliku, u li ingurja u li hedded li Suor Maria Farrugia u lil Josephine Camilleri tad-dar Merhba Bik, Hal-Balzan, gie kkundannat sena prigunerija sospiza ghal sena.

**4.** In segwitu ghal din l-ammissjoni, l-ewwel qorti ghaddiet biex, wara li rreferiet ghall-Artikoli 49, 50 u 280(2) tal-Kodici Kriminali, iddikjaratu hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti u kkundannatu multa **ta' elf mija u erbgha u sittin euro (€1,164)** pagabbli fi zmien gimgha jew altrimenti konvertibbli fi prigunerija skond il-ligi.

**5.** L-aggravju tal-appellant Avukat Generali hu maghmul jikkonsisti filli, fil-ghoti tal-piena, l-ewwel qorti applikat piena zbaljata, peress li, apparti r-recidiva, ghar-reat ta' serq kwalifikat kif dedott fl-imputazzjoni (u kif ammess) il-piena skond il-ligi ghar-reat ta' serq kwalifikat bil-valur u bil-mezz hija ta' <u>prigunerija</u> minn minimu ta' hames xhur sa massimu ta' tliet snin, u *per di piu`* l-piena ma tistax tinghata fil-minimu taghha – u dan b'applikazzjoni tal-Artikoli 278(1)(2), 279(a) <u>u</u> 280(2) tal-Kap. 9.

**6.** Din il-Qorti appuntat l-appell ta' l-Avukat Generali ghas-smigh ghall-20 ta' Marzu 2009, izda l-appellat baqa' mhux notifikat bir-rikors tal-appell u bid-data tas-smigh ghal diversi xhur – ara r-riferti negattivi tal-ufficjali ezekuttivi tal-Qorti tal-5/3/09, 9/3/09, 7/4/09, 8/5/09, 20/5/09, u 6/7/09. Fl-udjenza tad-29 ta' Mejju 2009 il-marixxalli tal-Qorti fissru li ghalkemm kienu jmorru diversi drabi fl-indirizz lilhom moghti mill-pulizija bhala l-indirizz tal-appellat, u ghalkemm kien evidenti li kien hemm nies jghixu f'dak l-indirizz, ma kien jifthilhom hadd. Kien biss fis-27 ta' Lulju 2009 li l-appellat Calleja gie notifikat bir-rikors tal-appell u bl-avviz tas-smigh (issa differit ghall-21 ta' Awissu 2009). B'rikors datat 17 ta' Awwissu 2009 l-appellat talab differiment ghax, skond hu, fil-21 ta' Awissu l-avukat tieghu Dott. Jose` Herrera ma kienx ser ikun Malta. Fil-fatt ghall-udjenza tal-21 ta' Awissu 2009 l-appellat Calleja deher assistit biss mill-Prokuratur Legali Noel Bianco. L-appell gie differit ghad-9 ta' Ottubru 2009. Fid-9 ta' Ottubru 2009 l-appellat rega' ma deherx, pero` deher l-avukat Dott. Herrera u, peress li l-appell kien ta' l-Avukat Generali, saret xorta wahda t-trattazzjoni, u l-appell thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**7.** Fil-kors ta' din it-trattazzjoni l-abbili difensur tal-appellat ghamel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti,

diversament presjeduta, tal-24 ta' Settembru 2009, fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emmanuel Bajada**, fejn inghad, *inter alia*, li *"…ikun alkwantu odjuz li l-Avukat Generali, b'mod selettiv, jirrikorri lil din il-Qorti* [recte: ghal quddiem din il-Qorti] *biex jiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti w jitlob piena aktar harxa."* L-abbili difensur fisser ukoll li fil-fehma tieghu l-ewwel qorti riedet tinzel taht il-minimu skond l-Artikolu 21 izda bi zvista ma semmietx dana l-artikolu, u ghalhekk, dejjem skond l-istess avukat, ikun ingust li din il-qorti taghti piena karcerarja minhabba l-"izball procedurali" tal-ewwel qorti.

**8.** Jibda biex jinghad bla tlaqliq li l-appellant Avukat Generali ghandu ragun meta jghid li l-piena komminata mill-ewwel qorti ma kienitx skond il-ligi. Il-piena applikabbli ghar-reat ta' serq kwalifikat bil-mezz u l-valur kienet (apparti l-kwistjoni tar-recidiva) dik ta' prigunerija <u>minn hames xhur sa tliet snin</u>, u dan skond id-disposizzjonijiet hawn aktar 'l fuq imsemmija. Mhux biss l-artikoli tal-ligi relattivi ma jipprovdux ghal multa, izda, kif tajjeb osserva l-appellant, l-Artikolu 278(2) jipprovdi illi jekk is-serq, barra mill-kwalifika tal-mezz, ikun akkumpanjat ukoll b'wahda mill-kwalifiki l-ohra, izda mhux dik tal-"vjolenza", il-piena fuq imsemmija (cioe` ta' prigunerija minn hames xhur sa tliet snin) <u>ma tinghatax fil-minimu taghha</u>. Kif jipprovdi l-Artikolu 20 tal-Kap. 9, *"meta l-ligi tiddisponi espressament li piena m'ghandhiex tinghata fil-minimum, il-piena li ghandha tinghata ghandu dejjem ikun fiha ghall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum."*

**9.** Is-sentenza li ghaliha ghamel referenza l-abbili difensur tal-appellat, cioe` **Il-Pulizija v. Emmanuel Bajada**, ma taghmilx ghall-kaz odjern, ghax dak kien kaz fejn il-piena erogata mill-Qorti Inferjuri <u>kienet tirrientra fil-parametri tal-ligi</u>, izda l-Avukat Generali deherlu li kellha tinghata piena aktar severa milli effettivament inghatat. Fil-kaz odjern, invece, il-piena erogata fil-konfront tal-appellat Calleja kjarament <u>ma kienitx</u> fil-parametri tal-ligi. A propositu tas-sentenza fil-kaz ta' **Bajada**, pero`, din il-Qorti, kif presjeduta, <u>ma tikkondividix</u> il-fehma espressa li, meta l-Avukat Generali jappella f'kazijiet fejn jidhirlu li l-piena ghandha tkun aktar severa, huwa jkun qed jaghmel xi

haga "odjuza". Il-fatt li l-Avukat Generali, kif ghandu dritt jaghmel, u kif neccessarjament irid jaghmel, ikun selettiv fil-kazijiet li fihom jappella dwar il-piena ghax ikun jidhirlu li din tkun imtaffija wisq (*unduly lenient*), ma jirrendix dana l-ezercizzju da parti tal-istess Avukat Generali odjuz la guridikament u anqas f'xi sens iehor. Kien ikun odjuz u addirittura irresponsabbli l-Avukat Generali li kieku kellu jappella f'kull kaz dwar il-piena, u f'kull kaz jitlob piena oghla. Id-diskrezzjoni tal-Avukat Generali qieghda hemm proprju biex, f'dawk il-kazijiet fejn jidhirlu li l-Qorti Inferjuri tkun zbaljat fl-erogazzjoni tal-piena, huwa jitlob li din tigi riveduta mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Din – bhalma jsir fil-kaz ta' appell mill-piena intavolat mill-persuna misjuba hatja – tista' taqbel mal-piena li tkun inghatat mill-Qorti tal-Magistrati u tista' ma taqbilx. Huma l-motivazzjonijiet tal-Qorti u li jkunu jorbtu mac-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz li, maz-zmien, u mehuda diversi kazijiet, jistabilixxu *"sentencing policy"*. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li jinghad fis-sentenza ta' **Bajada**, u cioe` li l-legislatur ghandu jirrestringi l-parametri vasti tal-pieni applikabbli, jew li ghandha tigi "formulata" xi *"sentencing policy"* minn barra s-sistema gudizzjarja. Tali *"policy"* tigi formulata proprju meta din il-Qorti – il-Qorti tal-Appell Kriminali – twettaq id-dover taghha, impost fuqha bil-ligi maghmula mill-Parlament, li, meta jkun hemm appell dwar il-piena, taghti ragunijiet (anke jekk fil-qosor) ghala tkun qed tvarja dik il-piena jew thalliha kif inhi, u mhux meta tevita milli taghti l-gwida neccessarja billi tirrikorri ghar-regola (li, wara kollox, dejjem ghandha l-eccezzjonijiet taghha) li qorti ta' appell ma tiddisturbax leggerment id-diskrezzjoni ezercitata mill-qorti ta' prim istanza. Dan il-punt, u diversi ohrajn konnessi mad-dritt ta' appell dwar il-piena tal-Avukat Generali, gew elaborati fid-dettal fis-sentenza, dejjem ta' din il-Qorti kif illum presjeduta, tat-2 ta' April 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Etienne Louis Grech**, li ghaliha qed issir referenza a skans ta' ripetizzjoni.

**10.** Fil-kaz in dizamina, kif inghad, il-piena erogata mill-ewwel qorti fil-konfront tal-appellat Calleja kienet legalment zbaljata. Kif rajna, l-abbili difensur tal-appellat, Dott. Jose` Herrera, fisser li jidher li l-ewwel qorti riedet tinzel taht il-minimu meta imponiet piena pekunjarja. Issa,

apparti kemm hu legalment possibbli li wiehed jinzel taht il-minimu meta d-disposizzjoni stess li tipprovdi ghall-piena tghid li l-piena addirittura ma tistax tinghata fil-minimu taghha, biex wiehed jinzel taht il-minimu u japplika l-Artikolu 21 irid ikun hemm ragunijiet specjali u straordinarji (*"li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza"*). L-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, la semmiet l-Artikolu 21 u anqas semmiet, bir-reqqa kollha jew minghajrha, xi ragunijiet specjali u straordinarji. Il-fatt li Calleja jghid, fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija, li huwa, wara li seraq il-kompressur mill-Water Front Hotel, il-Gzira, rega' rritorna fuq il-post minn fejn kien serqu bil-hsieb li jghid li ra lil haddiehor jisirqu jew jipprova jisirqu, u jghidilhom li l-kompressur kien ghandu[2], certament ma jammontax ghal raguni la specjali u lanqas straodinarja – apparti li l-ligi titkellem fil-plural, "ragunijiet", u apparti li din hija storja xejn kredibbli. L-ewwel qorti, meta giet biex taghti s-sentenza fil-konfront ta' l-appellat, allura imputat, kellha quddiemha l-fedina penali tal-istess Calleja li turi xejn anqas minn 35 kundanna mill-1966 sal-25 ta' Lulju 2002. Apparti diversi multi, ammendi u kundanni ghal sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan, l-ewwel qorti setghet tara li l-imputat Calleja kien inghata hames *conditional discharge*, hames darbiet inghata sentenza ta' prigunerija (wahda minnhom, fl-1974, ta' seba' snin prigunerija ghal diversi serqiet), u darb'ohra sentenza ta' prigunerija sospiza. Ghalhekk difficli wiehed jifhem kif l-ewwel qorti setghet tikkontempla tinzel taht il-minimu. Din il-Qorti, kemm kif presjeduta, kif ukoll diversament presjeduta, kellha l-okkazjoni li tirrimarka li meta persuna tammetti l-htija taghha quddiem il-Qorti Inferjuri, u possibilment tkun ikkoperat mal-pulizija, dan ma jfissirx neccessarjament li ghandha tinghata sentenza mhux ta' prigunerija b'effett immedjat. Il-Qorti Inferjuri ghandha tezamina sew ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza wkoll il-fedina penali ta' dak li jkun, qabel ma tghaddi ghas-sentenza. Filwaqt li dewmien inutili fil-kawzi – hafna drabi dovut ghal "koncessjonijiet" zbaljati ta' differimenti mitluba kemm mid-difiza kif ukoll mill-prosekuzzjoni – ghandu jigi evitat, hekk

[2] Fil-fatt, skond l-okkorrenza ezibita, il-kompressur gie elevat minn wiehed mill-garaxxijiet tal-appellat. Meta Calleja rritorna fuq il-post tad-delitt huwa nzamm mis-*security guards* li kienu gharfuh minn fuq il-*closed circuit camera*.

ukoll ghandha tigi evitata ghaggla zejda fil-ghoti tas-sentenzi meta jkun hemm ammissjoni li tista’ twassal ghal zbalji. Anqas ma tara din il-Qorti li f’dan il-kaz hemm xi lok ta’ provvediment mhux karcerarju, jew ta’ sentenza ta’ prigunerija sospiza. Il-fedina penali tal-appellat u l-fatt li huwa recidiv, jimmilitaw kontra dan. Fil-fatt din il-Qorti tosserva li mill-fedina penali aggornata, ezibita waqt l-udjenza ta’ nhar il-Gimgha 9 ta’ Ottubru 2009, jirrizulta li wara l-25 ta’ Lulju 2002 l-appellat kellu zewg kundanni ohra, fejn, f’wahda minnhom, rega’ nghata sentenza ta’ prigunerija sospiza ohra! Fid-dawl ta’ fedina penali hekk refrattarja, certament ma hemm lok, kif diga’ nghad, ta’ ebda sentenza ghajr wahda ta’ prigunerija b’effett immedjat.

**11.** Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali u tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat Paul Calleja ghall-piena ta’ multa ta’ elf mija u erbgha w sittin euro (€1,164) u minflok tikkundannah ghall-piena ta’ **tlettax-il (13) xahar prigunerija**, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------